MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2015

Numru 179/2014

**Appell Nru: 169/14 G**

**Appell Nru: 179/14**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Bernard Charles Spiteri]**

**vs**

**George Borg**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant George Borg, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 18863M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

> Fl-1 ta' Mejju, 2012, f'xi hin bejn is-06:00 ta' filghaxija u s-06:30 ta' filghaxija, waqt li kien qieghed gewwa Triq ta' Ghammar, Ghasri u jew fil-vicinanzi:-

1. Volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor ghad-dannu ta' Mario Grech, liema hsara teccedi aktar minn mija u sittax il-ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47c), izda li ma taqbizx l-elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69c).

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura hfief fuq il-persuna ta' Mario Grech.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u ġlied.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna biza lil Mario Grech, li ser tintuza vjoenza kontrih jew kontra l-propjeta tieghul

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi meta kien qieghed jghamel uzu minn vettura tal-ghamla KIA bin-numru tar-registrazzjoni ABT 129, ostakola t-traffiku.

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi meta kien qieghed jagheml usu minn vettura tal-ghamla KIA bin-numru tar-registrazzjoni ABT 129, ghamel uzu ta' horn jew mezz ta' twissija pprojbit.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi tinfliggi l-piena stabbilita mill-ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta' Mario Grech u terzi persuni sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew miflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu innfisu taht penali ta' flus li tigi ffisata mill-Qorti.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' April, 2014, li biha dik il-Qorti:

1. Sabet lill-imputat hati tal-ewwel akkuza, imma fir-rigward biss tal-hsara fil-camera tal-kaptan Grech, u peress li l-imputat kien provokat bl-agir ta' Grech stess, wara li rat l-artikolu 325(b) u l-proviso tal-istess artikolu, u peress li ma dehriliex li fic-cirkostanzi piena karceraraja kienet konsiljabbli, immultatu s-somma ta' mitt ewro (€100) ghal din l-akkuza;

2. Sabithu hati wkoll tat-tieni akkuza, u wara li rat l-artikoli 221(1) u (3)(b) u 11(1) tal-Kap 9, immultatu is-somma ta' mitt ewro (€100) ghal din l-akkuza;

3. Sabithu hati wkoll tat-tielet akkuza u wara li rat l-artikolu 338(dd), timmultah hamsa u ghoxrin ewro (€25) ghal din l-akkuza.

4. Illiberatu mill-akkuzi l-ohra billi ma rrizultawx.

**3.** Billi l-ewwel Qorti kienet tal-fehma li dan kien incident banali uniku, xejn mistenni min-nies b'karigi mportanti bhal ma ghandhom il-persuni nvoluti, l-istess Qorti dehrilha li ma kienx il-kaz li tintlaqa' t-talba tal-prosekuzzjoni ghall-protezzjoni tal-vittma.

**4.** Rat ir-rikors tal-imputat appellant minnu pprezentat fil-15 ta' April, 2014, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonferma l-konkluzjonijiet taghha dwar ir-raba, il-hames u s-sitt akkuza dedotti kontra tieghu, tirrevokha f'dak li jirrigwarda l-ewwel u t-tieni u t-tielet akkuza u minflok tilliberah minnhom.

**5.** Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali li bih talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-imputat appellant hati rigward l-akkuzi migjuba kontrih u fejn illiberatu mill-akkuzi migjuba kontrih, tikkonfermha fil-parti tal-piena rigward it-tieni u t-tielet akkuza, u thassarha u tirrevokha fil-parti tal-piena rigward l-ewwel akkuza billi minflok il-piena ta' multa ta' mitt euro (€100) timponi piena gusta u idonea skont il-ligi kif ukoll tordna l-kumpens tal-hsara li Mario Grech garrab fil-carmera tenut kont ic-cirkostanzi tal-kaz.

**6.** Rat l-atti tal-kawża u l-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti; semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**7.** Il-fatti jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fl-1 ta' Mejju 2012 ghall-habta ta' bejn is-6 pm u s-6.30 pm fi triq Ghammar, Ghasri Ghawdex l-imputat George Borg u Mario Grech ġew fl-idejn. Mario Grech kellu kamera tar-ritratti f'idu u din ġarrbet ħsara. Inoltre l-istess Mario Grech garrab feriti hfief kif certifikati mit-tabib Dr. Teddy George Farrugia konsistenti f'ferita superficjali fuq il-pala ta' idu x-xellugija u girfa fuq in-naha ta' barra tal-minkeb tal-lemin. L-imputat ukoll sofra xi feriti hfief fosthom grif fil-minkeb tal-lemin.

**8.** L-imputat appellant qiegħed jappella mis-sejbien ta‘ htija tal-ewwel imputazzjoni konsistenti fi hsara volontarja, mis-sejbien ta‘ htija tat-tieni imputazzjoni konsistenti f’offizi ħfief fuq il-persuna ta‘ Mario Grech, u mis-sejbien ta‘ htija tat-tielet imputazzjoni konsistenti fi ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied.

**9.** Minkejja xi sfumaturi li jimpinġu wkoll fuq konsiderazzjonijiet ta’ natura legali, l-aggravju ewlieni tal-appellant ghar-rigward tat-tlett imputazzjoniiet li dwarhom qieghed jappella jikkonsisti sostanzjalment filli jsostni l-ewwel Qorti naqset milli tapprezza korrettement iċ-ċirkostanzi partikolari ta’ dan il-każ b’mod li waslet għal konklużjonijiet żbaljati dwar ir-responsabilita’ tiegħu.

**10.** L-Avukat Generali, minn naha tieghu, qieghed jappella mill-kwantum tal-piena imposta mill-ewwel Qorti għall-htija tal-imputat tal-ewwel akkuza ta’ hsara volontarja u f’dan ir-rigward l-aggravju tieghu jikkonsisti filli fil-fehma tieghu dik il-piena ma hix fil-parametri tal-ligi, hija miti wisq u ma hix idonea fic-cirkustanzi tal-kaz. L-istess Avukat Generali qieghed jappella wkoll ghaliex l-ewwel Qorti naqset milli tapplika l-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali li jirrendi applikabbli l-artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation, Kap. 446, billi naqset milli tordna lill-hati jhallas kumpens kif il-Qorti jkun jidhrilha li jkun l-aktar ragonevoli.

**11.** Iż-żewġ appelli ser jiġu deċiżi f’sentenza wahda u l-Qorti ser tibda billi tikkunsidra l-appell tal-imputat peress li l-ezitu ta’ dan l-appell naturalment jincidi fuq il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar l-appell tal-Avukat Generali dwar il-piena.

**12.** Dwar ix-xorta ta’ aggravju invokat mill-imputat appellant fl-appell tieghu il-gurisprudenza ta’ din il-Qorti hi cara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi b’mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta’ dik il-Qorti fl-eventwalità biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

**13.** Dwar l-ewwel imputazzjoni ta’ hsara volontarja fil-camera tar-ritratti l-appellant isostni li huwa ha l-camera minn idejn Mario Grech sabiex imur jaghtiha lill-Pulizija u jitlobhom ihassru r-ritratti li jidher huwa fihom. Huwa jghid li l-camera tar-ritratti

"waqghet" minn idejh waqt li kien qed jipprova jidhol fil-vettura tieghu meta gie aggredit minn Grech. Huwa jsostni li dan kollu huwa sostnut mix-xiehda ta' Alan Ferrier, ta' Bruce Watson u tieghu (tal-appellant) stess.

**14.** In kwantu ghax-xhud Alan Ferrier dan xehed[1] "... the man in the car took the camera from the man in the house and they started to fight with each other and then the camera was thrown to the ground".Gie stabbilit minghajr dubbju li l-persuna li kienet fil-karozza kien l-imputat waqt li l-persuna li harget mid-dar kien Mario Grech[2]. Aktar tard fid-depozizzjoni tieghu l-istess xhud jghid li ",.. the man from the car threw the camera to the ground and it broke.. he just threw it to the ground. That's it."

**15.** Mistoqsi f'liema mument ra lill-persuna fil-karozza (l-imputat) ikisser il-camera x-xhud Ferrier wiegeb:

> "When the man from the house had him in a hold near the car trying to get his camera back and he threw down the camera.
>
> Lawyer Dr. Kevin Mompalao
> Forcefully?
>
> The witness Alan Ferrier.
> Yes."

**16.** In kwantu ghax-xhud Bruce Wilson, dan fil-partijiet relevanti dwar it-tkissir tal-camera xehed hekk:

> "The struggle seemed to be about the camera and I couldn't get it. The struggle continued. I heard a loud smash and the camera was on the floor....And then the struggle stopped and the gentleman from the car came towards me I thought because the struggle was about the camera, he wanted the camera. It was already broken....I didn't see who threw the camera but I heard the smash and the last person I saw holding it was that gentleman. This gentleman on the left I did not see.
> The Court:
>
> Hawnhekk ix-xhud qed jirreferi ghall-imputat George Borg"

[1] Fol 12-19
[2] Fol. 13

**17.** In kwantu għall-imputat appellant, jirriżulta li dan spontanjament dakinhar stess tal-incident fl-1 ta' Mejju 2012 meta rraporta l-każ l-għassa qal li "Jien sabbat il-camera mal-art u t-turist tefagħha go għalqa"[3].

**18.** Aktar tard, fi stqarrija li rrilaxxja lill-pulizija fit-3 ta' Mejju 2012, l-imputat stqarr li "Sadintant gew xi Inglizi fuqna u wiehed minnhom hadli n-nuccali ... u l-iehor pruva jehodli l-camera u jiena ghal ewwel ma tajtilux, izda mbaghad qabad il-camera u tfajta mal-art b'supervja  u ghedtlu ha hudha l-camera u ghedtlu hekk ghax gbajt nlaqqat daqqiet".

**19.** Fil-kors tax-xiehda tiegħu fil-Qorti, imbgħad, l-imputat beda biex jgħid li biex jiddefendi ruħu meta kien qiegħed jiġi aggredit minn Mario Grech kien ġie kostrett li jerħi l-camera bil-konsegwenza li l-camera spiċċat mal-art.

**20.** Tenut kont ta' dan l-istat tal-provi din il-Qorti ma ssibx raġunijiet sufficjenti sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi u l-konkluzjonijiet tagħha dwar l-ewwel imputazzjoni.

**21.** L-aggravju tal-imputat appellant dwar l-ewwel imputazzjoni qiegħed għalhekk jiġi respint.

**22.** Ser issa jiġi kunsidrat l-aggravju tal-appellant dwar it-tieni imputazzjoni ta' offiżi ħfief.

**23.** Dak li jirrizulta mill-provi hu li bejn l-imputat u Mario Grech kien inqala' disgwid in konnessjoni max-xogħol tagħhom mal-kumpanija Gozo Channel minħabba li l-imputat kien tal-fehma li Mario Grech, kaptan tal-vapuri, ma setax imexxi l-vapuri sakemm ma jipprovdix lill-kumpanija iċ-ċertifikati marittimi validi meħtiega. Fid-data in kwistjoni l-imputat George Borg kien għaddej fil-karozza tiegħu fi triq Għammar, Għasri Għawdex fejn għandu r-residenza tiegħu Mario Grech. F'ħin minnhom l-imputat George Borg beda jdoqq il-horn biex iwarrbu xi turisti li kienu fit-triq. Mario Grech ħareġ mir-residenza tiegħu u beda jieħu diversi ritratti tal-imputat fil-karozza. Hawnhekk l-imputat ħareġ mill-karozza tiegħu u ħabat għal Mario Grech u ħataflu l-camera minn idejh. It-tnejn li huma ssaraw ma xulxin bi Grech jipprova jieħu lura l-

[3] Depozizzjoni PS 1233 John Attard, fol. 40; okkorrenza Dok. JA1, fol. 50

camera waqt li l-imputat jirrezisti u jirreagixxi ghal Grech biex ma jhallix jiehu lura l-camera sakemm il-camera spiccat mal-art mkissra. Fil-kors tal-kollutazzjoni it-tnejn kkagunaw offizi hfief fuq xulxin.

**24.** Ix-xhud Carmelo Caruana jghid li z-zewg persuni li ra, li wiehed minnhom gharfu kien Mario Grech, kienu "jissaraw ma' xulxin" u damu xi tletin sekonda[4]. Aktar tard jiddeskrivihom bhala "Kienu zewg persuni imqabbdin ma' xulxin"[5], u "wiehed izomm lil iehor u qed jissorra mieghu"[6] u zied li donnu Grech kien qieghed izomm lill-iehor[7] u li "Kienu t-tnejn ma' xulxin. U daqshekk."[8]

**25.** Ix-xhud Alan Ferrier xehed li:

> "We turned around to see the man had come around the house to take pictures of the man in the car. And I think he'd taken a few pictures and the man in the car took the camera from the man in the house and they started to wrestle over the camera and then the camera was thrown to the ground. And they had started to fight with each other."[9]

**26.** L-istess xhud kompla jispjega li f'hin minnhom kienu faccata ta' xulxin u bdew sejrin f'kull direzzjoni ghaliex kienu qed jissaraw ma' xulxin[10] u li f'hin minnhom ra lil Grech jaghti daqqiet fuq l-imputat waqt li Grech kien qieghed jipprova jiehu lura l-camera tieghu, ghalkemm jghid li ma ra lil hadd jaghti lil haddiehor fuq rasu. Meta mistoqsi jekk fejn qal li ra daqqiet jinghataw jekk dan kienx fil-fatt konsistenti f'sarar (*wrestling*) ghall-camera aktar milli daqqiet lejn xi hadd huwa kkonferma li hekk kien il-każ u li "there wasn't any punching"[11].

**27.** Ix-xhud Bruce Watson, li kien max-xhud Alan Ferrier, jiddeskrivi sostanzjalment l-istess xenarju mpingi mill-istess Ferrier u ripetutament jiddeskrivi dak li ra bejn l-imputat u Mario Grech bhala "struggle"..

**28.** Minn naha tieghu l-imputat meta ghamel ir-rapport tieghu lill-pulizija stqarrilhom li wara li hataf il-camera minn idejn Mario Grech dan ifferocja ghalih u beda jaghtih bil-

[4] Fol 61
[5] Fol 65
[6] Fol 66
[7] Fol 67
[8] Fol 68
[9] Fol 12
[10] Fol 17
[11] Fol 19

ponn go rasu minn wara u tefghu mal-art u sostanzjalment irrepeta l-istess haga meta ghamel l-istqarrija lill-pulizija u meta xehed il-Qorti u f'din l-ahhar okkazzjoni ikkarga ferm id-deskrizzjoni tas-swat kbir li rcieva minn ghand Mario Grech liema deskrizzjoni ftit hi konciljabbli mal-offizi hfief li fil-fatt jirrizulta li sofra l-imputat fil-kollutazzjoni.

**29.** Ghal darb'ohra, ghalhekk, kunsidrat li dan kien l-istat tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti, din il-Qorti ma ssib xejn irragonevoli fl-apprezzament li dik il-Qorti ghamlet taghhom u fil-konkluzjonijiet li waslet ghalihom a bazi ta' dawk il-provi u ghaldaqstant din il-Qorti ma ssibx raġunijiet sufficjenti sabiex tiddisturba dak l-apprezzament tal-provi u dawk il-konkluzjonijiet.

**30.** Dan l-aggravju wkoll qieghed ghalhekk jigi respint.

**31.** In kwantu ghall-aggravju dwar it-tielet imputazzjoni, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi dan l-aggravju jirrizulta manifestament infondat u ghalhekk qieghed ukoll jigi respint u b'hekk l-appell tal-imputat ser jigi michud.

**32.** Nghaddu issa ghall-appell tal-Avukat Generali.

**33.** Fl-appell tieghu l-Avukat Generali jidher li qieghed isostni li l-piena ghar-reat ta' hsara volontarja taht provokazzjoni kellha tkun dik ta' prigunerija sabiex tkun fil-parametri tal-piena stabbiliti mil-ligi ghaliex il-proviso tal-artikolu 325(1) jipprovdi li z-zewg terzi li ghalihom jaghmel riferenza jridu jkunu zewg terzi "tal-piena hemm imsemmija" u cioè, f'dan il-każ, tal-piena ta' prigunerija msemmija fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) imsemmi. Dak li sfugga lill-Avukat Generali, iżda, hu li dak previst fil-proviso hu l-massimu tal-piena, u cioè "mhux izjed minn" u ghalhekk ma hemm xejn fl-istess proviso li jipprekludi lill-qorti milli timponi piena inqas minn dik ta' priġunerija u ghalhekk ma hemm xejn x'jipprekludi lill-Qorti milli timponi piena anki ta' multa.

**34.** In kwantu ghall-*quantum* tal-multa imposta, din il-qorti ma hix tal-fehma li hemm ragunijiet sufficjenti sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel qorti f'dan ir-rigward.

**35.** L-Avukat Generali jsostni wkoll li a tenur tal-artikolu 532A tal-Kodici Kriminal u l-artikolu 24 tal-Att dwar il-*Probation* l-ewwel Qorti kellha tordna lill-appellant ihallas lil Mario Grech kumpens ghall-hsara li saret fil-camera tieghu. Il-Qorti tosserva li l-ordni ghall-hlas ta' kumpens taht l-artikoli citati hi diskrezzjonali "hekk kif il-qorti jkun jidhrilha li jkun l-aktar ragonevoli". Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz partikolari, fejn jidher li l-camera setghet sofriet hsarat meta habtet mal-art appena telqet minn id l-appellant kif ukoll meta x-xhud Bruce Watson waddabha fl-ghalqa, jidher li l-ewwel Qorti ma kienx jidhrilha li kellha bizzejjed quddiemha sabiex tikkonkludi li jkun ragonevoli li tillikwida xi kumpens, salv dejjem li l-materja tkun tista' tigi approfondita jekk ikun il-kaz fi proceduri civili.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tiċħad kemm l-appell tal-imputat appellant George Borg kif ukoll l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------